MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 28/2005

Avukat Dottor Mario Scerri
U martu Marlene Scerri;

U l-AIC Edward Scerri
U martu Christine Scerri .

vs

Carmelo u Gregoria konjuġi Formosa..

Il-Qorti,,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma propretarji ta’ diversi appezzamenti ta’ art li jinsabu fl-inħawi magħrufa “Tan-Nenija” fi Triq it-Torri, San Lawrenz, Għawdex, għal liema appezzamenti ta’ art l-atturi jidħlu għalihom minn passaġġ li minnu l-art tagħhom tifforma parti wkoll, li jiżbokka fi Triq it-Torri, San Lawrenz, liema passaġġ jinsab muri fl-isfar fuq l-annessa pjanta markata A;

Illi riċentement il-konvenuti bdew jippretendu jeddijiet fuq dan il-passaġġ u wara li l-konvenut kellu argument mal-atturi fl-ewwel ġranet ta’ frar 2005, dwar dan il-passaġġ, huwa qabad jdw personalment jew billi qabbad lil terzi jagħmlu dan għalih u bena ċint tal-ġebel fl-entrata tal-passaġġ bil-konsegwenza li mblokka l-aċċess liberu lill-atturi milli jidħlu fi ħwejjiġhom, u ħarat ukoll l-istess passaġġ;

Illi l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-atturi, liema spoll l-atturi qegħdin jagħmlu din il-kawża sabiex jiġi spurgat u l-pussess ripristinat.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li bl-aġir tagħhom il-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-atturi meta mblukkaw b’ċint tal-ġebel l-entrata għall-art tagħhom;

2. Tikkundannahom jispurgaw dan l-ispoll;

3. Fin-nuqqas li jagħmlu dak li jiġi lilhom ordnat fit-terminu li jiġi lilhom prefiss tawtorizza lill-atturi li jneħħu l-imblokk a spejjeż tal-atturi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfemata bil-ġurament ta' Dr. Mario Scerri.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi fil-każ odjern jonqos tnejn mit-tlett elementi essenzjali għall-proponiment b’suċċess ta’ kawża ta’ spoll, u ċioe’ l-element tal-pussess, *possedisse,* u konsegwentement ukoll l-element ta’ spoll, *spoliatum*

*fuisse;* u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

2. Illi l-element ta' pussess huwa mankanti għaliex l-atturi qatt ma kienu jippossjedu xi drittijiet oltre minn dritt ta' passaġġ bir-riġel minn fuq l-art tal-esponenti, u dan il-passaġġ bir-riġel qatt ma ġie mittiefes mill-esponenti. Issa, għall-kuntrarju, l-atturi qegħdin jippretendu illi l-passaġġ spettanti lilhom għandu jkun wieħed bil-karru u bl-inġenji iżda fil-verita' huma qatt ma kellhom xi tip ta' pussess simili.

3. Illi għalhekk, l-esponenti ma kkommettew ebda spoll għad-dannu tal-atturi meta huma ħartu l-kumplament tar-raba tagħhom ad eċċezzjoni tal-parti intiża bħala passaġġ bir-riġel, għaliex b'daqshekk kienju qegħdin biss jeżerċitaw id-drittijiet u l-fakoltajiet tagħhom, u għalhekk għandu japplika l-prinċipju *qui sui jue utetur neminem laedere videtur.*

4. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Gregoria Formosa.

Rat il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Kif ġie ripetutament ritenut mill-Qrati tagħna jenħtieġu biss tliet elementi sabiex tirnexxi kawża simili ibbażata fuq l-artikolu 791 tal-kap. 12:

(i) il-fatt tal-pussess jew detenzjoni ("possedisse");

(ii) il-fatt ta' l-ispoll ("spogliatum fuisse"); u

(iii) il-fatt li l-kawża tkun saret fi żmien xahrejn ("infra bimestre deduxisse").

Fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jilmentaw li ġie kommess spoll fil-konfront tagħhom meta huma ma setgħux jibqgħu jgħaddu, kif kienu jagħmlu qabel, minn passaġġ fuq ir-raba tal-konvenuti, sabiex jaċċedu għar-raba tagħhom li hija interkjuża. Dan għaliex il-konvenuti għalqu permezz ta' ġebel tal-kantun parti mill-entratura ta' dan il-passaġġ, b'tali mod li huma ma setgħux jibqgħu jaċċedu għar-raba tagħhom bil-mod kif kienu jagħmlu qabel, imma biss bir-riġel.

Il-konvenuti jsostnu illi jonqsu żewġ elementi sabiex din il-kawża tkun tista' tirnexxi, u ċioe' dak tal-pussess u dak ta' l-att spoljattiv.

**Il-pussess :** Fir-rigward ta' dritt ta' tgawdija ta' passaġġ minn fuq art ta' terzi li jiġi diminwit, kif qed jallegaw l-atturi fil-kawża in eżami, intqal mill-qrati tagħna illi: "…*jekk wieħed jiġi ostakolat fl-eżerċizzju tiegħu ta' passaġġ li minnu jgħaddi biex jaħdem ir-raba tiegħu, avvolja l-godiment tiegħu jiġi biss diminwit, u l-konvenut ma jippruvax li l-attur kien juża dak il-passaġġ prekarjament jew bil-bona grazzja, l-azzjoni ta' spoll għal dak li huwa l-element tal-pussess hija sostnuta*." [1]

L-atturi xehdu illi minn meta xtraw ir-raba tagħhom fl-inħawi u sakemm il-konvenuti, minħabba kwistjoni li nqalgħet bejnhom u terzi dwar jekk dawn ta' l-aħħar kellhomx iħallu xi parti mill-art tagħhom mhix mibnija sabiex dan il-passaġġ jitwessa, huma setgħu jgħaddu liberament mill-istess passaġġ mhux biss bir-riġel imma anke bil-vetturi. Il-konvenuti argumentaw illi d-dritt ta' pasaġġ ta' kull min kellu r-raba tiegħu interkjuża 'l ġewwa mill-istess passaġġ, kien biss bir-riġel fix-xhur tax-xitwa u bl-inġenji wkoll fix-xhur tas-sajf. Dwar dan xehdu l-konvenuti stess u ressqu bosta xhieda li għandhom jew kellhom ir-raba tagħhom fl-istess inħawi u anke jgħaddu

[1] Prim'Awla : Caterina Vella vs Giovanni Vellla : 4.11.1957, kollez. Vol. XLI. ii. 1129 .

mill-istess passaġġ biex jaċċedu għar-raba tagħhom. Imma kienet il-konvenuta Gregoria Formosa stess li fid-depożizzjoni tagħha in kontro-eżami, fuq domanda ta' l-avukat dottor Mario Scerri dwar jekk taqbilx illi f'dawk l-aħħar għoxrin sena (minn meta xehdet), l-entrata (passaġġ) in kwistjoni kienitx dejjem miftuħa, sajf u xitwa, u dan kienu ammettewh hija u r-raġel tagħha stess, din wieġbet: " ***Kemm ilha ma nafx eżatt, imma ilha madwar għoxrin sena….".*** [2]

Huwa għalhekk għal kollox inutili għall-konvenuti illi jġibu provi illi żmien ilu l-użanza kienet kif spjegaw huma u x-xhieda minnhom prodotti, ġialadarba hemm din l-ammissjoni mill-konvenuta stess illi kien ilu ma jsir hekk għal dak iż-żmien kollu, u kien biss wara li nqalgħu l-kwistjonijiet mat-terzi li huma reġgħu dejjqu l-passaġġ. Kif esprimiet ruħha tant tajjeb il-Qorti ta' l-Appell f'kawża ta' spoll li wkoll kienet tinvolvi d-dritt ta' passaġġ, "*Din (l-azzjoni ta' spoll) hija konċepita bħala azzjoni rapida u effikaċi għall-iskop li ma tħalli l-ħadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u hija intiża unikament biex iġġiegħel lill-konvenut li jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss – kif jgħid bl-aktar mod ċar l-art. 791(1) Kap. 12, li sfortunatament jiġi ħafna drabi injorat. Mhux biss - imma l-liġi tipprojbixxi kull eċċezzjoni jekk din mhix dilatorja u għalhekk ebda eċċezzjoni perentorja ma hija ammissibbli*." [3]

Jista' jkun minnu dak li qed isostnu l-konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti, fis-sens illi żmien ilu tassew il-passaġġ kien jiġi gawdut bil-mod kif spjegat minnhom, u ċioe' bħala passaġġ bir-riġel biss fix-xitwa, u passaġġ anke bl-inġenji fis-sajf. Din hija kwistjoni li pero' tista' tiġi riżolta biss fil-petitorju. Li huwa rilevanti għall-iskop tal-kawża preżenti hu li jiġi stabilit li l-atturi kellhom il-pusess jew ta' l-inqas id-detenzjoni tat-tgawdija ta' passaġġ sew bir-riġel u anke bl-inġenji matul is-sena kollha. Ġialadarba ġie ammess illi ta' l-anqas għall-għoxrin sena qabel ma ġiet ippreżentata l-kawża l-affarijiet kienu hekk, u allura anke meta

[2] ara xhieda tal-konvenuta a fol. 88 et. seq. tal-process .
[3] Carlo Cardona et. vs Francesco Tabone : 9.3.1992 .

akkwistaw ir-raba tagħhom l-atturi fis-sena 2004, is-sitwazzjoni kienet għadha hekk, ma kellhom ebda dritt il-konvenuti jaqbdu u jieħdu l-liġi f'idejhom u jbiddlu stat ta' fatt eżistenti, li tiegħu l-atturi kellhom dan il-pussess jew detenzjoni.

Dwar it-tieni element ta' l-**att spoljattiv**, intqal f'ċirkostanzi simili: "Kwantu għar-rekwiżit tal-ispoll, dan jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li, marte proprio, isir kontra l-volonta' tal-persuna spoljata. Mhux neċessarju li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-ħaġa, imma biżżejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew ħsara lil min isofri l-ispoll; u għalhekk huwa ndifferenti ż-żmien li jkun dam l-ispoll u l-entita' tat-tfxkil jew ħsara fl-ispoljat. Fil-każ tagħna ma hux kontestat illi dak li għamlu l-konvenuti kien li għalqu parti mill-entratura għal dan il-passaġġ bil-kantun, b'tali mod illi illi l-passaġġ ġie ridott biss għal wieħed bir-riġel, mentri sa dakinhar li twettaq dan l-att spoljattiv, l-atturi kienu jistgħu jaċċedu anke bil-vettura għal ġewwa r-raba tagħhom, u mhux fix-xhur tas-sajf biss.

Stabiliti għalhekk l-elementi tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' li spoll, jibqa' għalhekk biss li jiġi eżaminat l-element l-ieħor taż-ż**mien**. L-artikolu 791(1) jistipula li l-kawża għandha tiġi ntavolata fi żmien xahrejn minn meta jkun ġie kommess li spoll. L-atturi qalu fiċ-ċitazzjoni tagħhom illi dan l-att spoljattiv seħħ fl-ewwel ġranet ta' Frar 2005. Dan reġa' ġie kkonfermat mill-attur dottor Scerri fl-affidavit tiegħu,[4] u qatt ma ġie ikkontestat mill-konvenuti, tant li lanqas biss saret ebda eċċezzjoni dwar dan l-element f'kawża ta' spoll. Billi l-kawża preżenti ġiet intavolata fil-21 ta' Marzu 2005, jirriżulta għalhekk li saret ukoll fiż-żmien konċess mill-liġi.

Għal dawn il-motivi u peress illi rriżulta li jikkonkorru l-elementi kollha meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u:

---

[4] a fol. 18 .

(i) tiddikjara illi l-konvenuti kkomettew spoll vjolenti u klandestin meta huma qabdu u mblukkaw b'ċint tal-ġebel parti mill-entrata għall-art ta' l-atturi indikata fiċ-ċitazzjoni, b'tali mod li rriduċew il-passaġġ għal wieħed bir-riġel biss;

(ii) konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien ħmistax (15) il-jum mid-data ta' din is-sentenza, jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi jerġgħu jifformaw il-passaġġ kif kien preċedentement; u

(iii) fin-nuqqas tawtoriżża lill-atturi sabiex jagħmlu huma l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------